# Il-Ħajja f'Għawdex

**SPEĊJALI MILIED 2007**

Intervista lil Fr. Charles Vella



## *Fil-Milied l-Arti u t-Twemmin jitgħannqu*





# IL-MILIED

## Fidi - Arti - Kultura - Tradizzjonijiet

*Joseph W. Psaila jintervista lill-artist Għawdxi Fr Charles Vella*

***Fr. Charles, kif tnisslet fik il-ġibda għall-arti u partikolarment din in-namra għall-Milied u għall-presepju?***
Din hi xi ħaġa li titrawwem ġo fik. Il-ġibda tiġi parti mill-predispożizzjoni ġà eżistenti – il-parti artistika; għax artist jitwieled artist u jiżviluppa r-relazzjoni maż-żmien.

***B'liema mod ta' taħriġ u tħejjija rnexxielek tilħaq livelli tant għoljin?***
Bħalma ġà għidt, biex tiżviluppa tajjeb fl-arti jrid ikollok dispożizzjoni artistika, għajn klinika li taf tara u tosserva, filosofija u riċerka fl-istorja ta' l-arti. Fl-aħħar tiġi t-teknika. Imma din mhix importanti jekk ma tkunx akkumpanjata minn dawn kollha li semmejna. L-arti, biex tkun opra tajba, importanti li jkun fiha ruħ, aktar milli materja teknika.



***X'inhuma l-karatteristiċi tal-presepju Naplitan?***
Il-karatteristiċi tal-presepju Naplitan huma r-realiżmu, l-espressjoni u t-teknika għolja fil-kwalità tax-xogħol li jfittex il-perfezzjoni akkademika u d-dettal. Dan għal min jrid jipproduċi is-seklu tmintax; il-kontemporanju hu ħaġa oħra.

***X'inhi d-differenza bejn il-presepju Malti u dak Naplitan?***
Il-presepju Malti hu presepju fattwali tan-narrazzjoni evanġelika. Il-presepju Naplitan jirrakkonta l-parti evanġelika fi sfond u kostumi naplitani bi stil barokk u b'messaġġ teoloġiku.

***Allura, il-presepju Naplitan huwa mnebbaħ minn xi teoloġija partikolari?***
Tispikka ħafna t-teoloġija. Il-karatteristiċi prinċipali tagħha huma: in-Nativitá, it-Tverna, it-Taħbira lir-ragħajja, il-pont li jgħaqqad it-taħbira mat-twelid – dawk ta' rieda tajba, u l-funtana – Kristu huwa l-ilma ħaj. Dawn huma l-ħames żoni prinċipali. L-isfond huwa dak ta' matul il-jum, bis-sema





ċelesti u mdawwal għaliex Kristu huwa l-ħajja u d-dawl tad-dinja. Id-dlam qiegħed biss taħt it-tempju ġo għar – hemm post il-bhejjem u d-dlam. Ġie li jagħmlu wkoll ix-xitan tellief f'disperazzjoni; Kristu jitwieled ġo tempju Ruman imwaqqa', Dan ifisser li tkisser u ntemm it-tempju ta' l-allat foloz, u twieled Alla veru. It-Tempju l-ġdid hu Kristu nnifsu.

***Inti, Fr. Charles, taħdem ukoll bambini sbieħ tax-xama'; din tiegħek hi xi sengħa partikolari?***

Ix-xama' hi xi ħaġa li mhux faċli li taħdimha, sakemm ma tridx taħdem kummerċjalment bil-forom biss. Jekk trid taħdem xogħol tax-xama' serju, kif kienu jaħdmu l-maestri, għandek sfida kbira. Jiena nħoss li għadni bil-għatx għal dik il-perfezzjoni, għalkemm



fl-istess waqt għandi riżultati sbieħ. Irid ikollok ħafna sabar, u ma tiddejjaqx wara ħafna ħin ta' xogħol jekk il-kwalità tiddeterjora u titfa' mill-ġdid kollox fil-borma. Jekk ma toħroġx id-delikatezza u l-ħlewwa, artistika u divina, tkun għadek ma għamilt xejn. Eżempji f'Malta baqa' ftit; imma miniex qed nirreferi għal kull bambin tax-xama' li naraw. Iltqajt ma' eżempji u ddubitajt għamluhomx l-anġli jew il-bnedmin!



***Kemm fih għalik inspirazzjoni spiritwali dan ix-xogħol fil-presepji? U kif tixtieq li din l-inspirazzjoni tgħaddi f'dawk li jammiraw ix-xogħol tiegħek?***

Jekk wieħed jammira l-ġmiel li jista' jagħmel il-bniedem, dan ma jitqanqalx f'ruħu biex jitnebbaħ bil-ġmiel ta' Alla u l-opri tiegħu? Il-ġmiel materjali, li ħafna drabi jżejjen ukoll it-tempju ta' Alla, huwa duttrina u katekeżi tal-ġmiel ta' Alla, ta' dak li Hu jrid minna u ta' dak li Hu għamel għalina. L-Arti hi lingwa universali li tressaqna lejn xulxin u ma' Alla, u tagħmilna ruħ waħda mistgħaġba bil-ġmiel li l-bniedem biss, minn fost il-ħlejjaq kollha, jista' jipproduċi u japprezza.





# GĦALIEX

## KULL MIN IĦOBB IL-MILIED GĦANDU JGĦOŻŻ IT-TRADIZZJONI TAL-PRESEPJU

*Kitba tal-mibki Mons. Salv Borg fil-Milied 2006*

**GĦALIEX** kellhom ikunu r-ragħajja li kienu jirgħu l-merħliet tagħhom fuq l-għolja ta' Betlehem, li l-Anġlu tal-Mulej ħabbrilhom aħbar ta' ferħ kbir. **GĦALIEX** kellhom ikunu huma l-magħżulin li jwasslu l-ferħ lill-poplu kollu. **GĦALIEX** Alla jinqeda bl-umli u s-sempliċi.



**GĦALIEX** grotta sempliċi, maħduma minn dilettant twassal nostalġija ta' ferħ fil-qalb tat-tfal.

**GĦALIEX** presepju maħdum b'sengħa jagħti impressjoni tal-ġrajjiet kollha li għaddew bosta snin ilu u jpoġġihomlna quddiemna qisu llum u jġib il-hena fil-qalb tal-kbar.

**GĦALIEX** Alla jinqeda b'kollox biex ifakkarna fil-preżenza tiegħu.

**GĦALIEX** fiż-żminijiet mudlama u mqallba ta' llum, Alla jrid jimla' bil-ferħ il-qalb vojta tal-bniedem bis-sempliċità.

Il-Milied għandu jimliena bil-ferħ. Dan il-ferħ ġie mwassal lilna permezz ta' l-Aħbar ta' l-Anġlu tal-Mulej. Għalhekk, ejjew nagħmlu bħalma għamlu r-ragħajja ta' Betlehem: ejjew immorru nxandruh ma' ġiritna kollha u nibdew fi djarna stess bis-sempliċità tal-PRESEPJU.



### L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU F'GĦAWDEX

***Qed toffri rimedju u tgħin biex dan il-ferħ joktor bl-eżerċizzju ta' Presepju f'kull dar. Ma jimpurtax jekk il-Presepju ikun żgħir jew kbir. L-importanti hu li qabel kull ħaġa oħra ta' dekorazzjoni tal-Milied, f'kull dar għandu jkun hemm il-Presepju, biex quddiemu jinħass il-ferħ veru u jingħad it-talb flimkien. Hekk tinżel il-Barka ta' Ġesù Bambin fuqna u fuq id-djar tagħna.***

*(Mill-Bullettin tal-Ħadd, 17-12-2006)*